MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 63/2013

**Fl-atti tal-ittra ufficjali [166A] numru 2293/12**
**u l-Mandat ta' Sekwestru numru 137/13**

**Gary Camilleri, Jonathan Sperandeo u GSI Partnership**

**vs**

**Mark Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Mark Galea li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Marzu 2013 fejn ippremetta:

*"Illi l-esponenti kien gie notifikat permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2012 bin-numru 2293/12 fejn gie mitlub biex flimkien u in solidum ma' KMK Limited, Kurt Mario Bezzina, Karl Bezzina u John Falzon ihallas is-somma ta' €3,200 ghal servizzi li skond l-ittra ufficjali gew rezi fix-xahar ta' Frar 2012;*

*Illi preliminarjament l-esponenti jichad li hu qatt inkariga lil xi hadd minn Gary Camilleri, Jonathan Sperandeo u GSI Partnership jaghmillu xi xoghol;*

*Illi sekondarjament, jekk l-imsemmija Gary Camilleri, Jonathan Sperandeo u GSI Partnership ghamlu xi xoghol, dan ghamluh ghal KMK Limited u mhux ghall-esponenti;*

*Illi jekk stess Gary Camilleri, Jonathan Sperandeo u GSI Partnership ghamlu xi xoghol ghal KMK Limited, dan qatt ma sar fis-sena 2012;*

*Illi l-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2012 bin-numru 2293/12 mhix valida fil-ligi u dan ir-rikors qed isir ai termini ta' l-artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-esponenti jikkontendi li l-ittra ufficjali ezekuttiva de quo hija nulla u bla effett u dan stante illi r-rekwiziti mandatorji ta' l-Artikolu 166A (2) ma gewx rispettati, senjatament id-dikjarazzjoni ta' fatti illi flat imsemmi hija totalment assenti;*

*Illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti kellha tiddikjara l-ittra de quo bhala nulla, konsegwentement il-Mandat ta' Sekwestru hawn fuq imsemmi jkun null u bla effett fil-ligi;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din il-Qorti:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2012 bin-numru 2293/12 hija nulla u bla effett fil-ligi fil-konfront ta' Mark Galea u konsegwentement it-titolu esekuttiv vantat minn Gary Camilleri, Jonathan Sperandeo u GSI Partnership huwa ghalhekk null u bla effett fil-ligi.*
*2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi li l-Mandat ta' Sekwestru Numru 137/13 fl-ismijiet Gary Camilleri, Jonathan Sperandeo u GSI Partnership huwa null u bla effett fil-ligi fil-konfront ta' Mark Galea;*

*Bl-ispejjez kontra Gary Camilleri, Jonathan Sperandeo u GSI Partnership."*

Rat in-nota responsiva tal-intimati Gary Camilleri, Jonathan Sperandeo u GSI Partnership li giet prezentata fil-15 ta' Marzu 2013 fejn eccepew:

*"Illi primarjament l-intimati jissottomettu li dan it-tentattiv sabiex jigi dikjarat in-nullita' tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2012 huwa wiehed irritu u null u dan stante li sar fuori termini l-ghoxrin (20) gurnata stabbiliti bl-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikors in kwistjoni kellu jigi prezentat mir-rikorrenti fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu.*

*Illi l-intimati intavolaw mandat ta' sekwestru fl-24 ta' Jannar 2013 liema mandat gie innotifikat lir-rikorrenti fit-28 ta' Jannar 2013.*

*Illi r-rikors li skatta din il-procedura gie intavolat fl-1 ta' Marzu 2013 u ghaldaqstant huwa ovvju li mit-28 ta' Jannar 2013 sal-1 ta' Marzu 2013 ghaddew aktar minn ghoxrin gurnata u konsegwentement dan ir-rikors gie prezentat fuori termine.*

*Illi huwa principju ormai ferm assodat li fis-sistema guridika taghna l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati. Anzi dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita' u nullita' tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio. In-nullita' tattakka l-att innifsu. Ghalhekk jekk att ikun null huwa ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi minghajr pregudizzju ghal dak li ghadu kemm intqal, l-ewwel tlett sottomissjonijiet tar-rikorrenti huma fuq il-mertu*

*u ghaldaqstant ghandhom jigu injorati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi premess dan, l-intimati ma jistghux jifhmu kif l-artikolu 166A (2) ma giex rispettat ghas-semplici raguni li ma giex imsemmi 'il-flat';*

*Illi sekondarjament, l-esponenti jissottomettu li jekk ir-rikorrenti qieghed b'xi mod issejjes l-aggravju fuq nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-fatti, umilment l-esponenti jirribattu li fl-ittra hemm bizzejjed fatti sabiex ir-rikorrenti ikun jaf ghalfejn qieghed jigi mitlub ihallas l-ammont kif deskritt fl-ittra. Sahansitra l-intimati taw indikazzjoni cara anke taz-zmien meta gie ipprestat ix-xoghol u s-servizz lir-rikorrenti. Fil-fatt fir-rikors tieghu ir-rikorrenti kien jaf fuq xiex qieghed jitkellem peress li huwa eccepixxa li dan ix-xoghol sar lis-socjeta' KMK Limited. Kieku verament ma kienx jaf bil-fatti kieku ma seta' qatt jaghmel din is-sottomissjoni u rressaq dik it-tip ta' sottomissjoni.*

*Illi finalment sabiex sar dan ir-rikors giet adoperata procedura straordinarja meta r-rikorrenti kellu kull opportunita' li jipprevalixxi ruhu minn procedura ordinarja ta' prezentazzjoni ta' semplici nota fl-atti tal-ittra ufficjali fejn jikkontesta u jopponi l-kreditu li bih gie rinfaccat.*

*Ghaldaqstant dan ir-rikors ghandu jigi michud."*
Rat illi seduta stante nhar il-15 ta' Mejju 2013 dehru l-partijiet u l-intimati permezz ta' nota pprezentaw kopja tal-ittra ufficcjali numru 2293/2012 li giet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Ottubru 2012 kif ukoll kopja tal-Mandat ta' Sekwestu numru 137/2013 ipprezentat fl-ismijiet '**Gary Camilleri et vs Mark Galea'** nhar l-24 ta' Jannar 2013.

Semghet l-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors u dan fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013.

Ikkunsidrat.

Il-procedura odjerna hija procedura istitwita a tenur ta' l-Artikolu 166A (2), (5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabiex it-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti bis-sahha ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 8 ta' Ottubru 2012, bin-Numru 2293/12, jigi rexiss u dikjarat null u bla effett fil-Ligi, minhabba n-nullità ta' dik l-ittra ufficjali.

Ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tilqa' talba ghar-rexissjoni u dikjarazzjoni ta' nullità u bla effett fil-Ligi ta' titolu ezekuttiv ottenut bis-sahha ta' ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, oltre li r-rikors da parte tad-debitur irid jigi ipprezentat fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, trid tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss, jew li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (2) u (5) ta' l-Artikolu 166A, din ta' l-ahhar il-premessa fuq liema ir-rikorrent jibbaza t-talba tieghu.

L-intimati jopponu ghat-talbiet tar-rikorrent l-ewwel qabel kollox bl-eccezzjoni li r-rikors promotur gie pprezentat fuori termine u huwa ghalhekk din l-eccezzjoni li ser tigi trattata l-ewwel peress li jekk tirrizulta, il-Qorti ma jkollhiex il-htiega li tindaga ulterjorment dwar l-ecezzjonijiet l-ohra sollevati mill-intimati.

Ai termini ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikors in kwistjoni ghandu jigi pprezentat mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata <u>minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu</u> *(sottolinear ta' din l-Qorti).*

Mill-atti processwali, senjatament mill-kopja legali ta' l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 137/13, ottenut mill-intimati kontra r-rikorrent in esekuzzjoni tat-titolu tieghu nascenti mill-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 8 ta' Ottubru 2012, bin-Numru 2293/2012, jirrizulta li hemm riferta relattiva ghan-notifika ta' dak il-Mandat lir-rikorrent datata 28 ta' Jannar 2013. Jidher ghalhekk illi dak il-Mandat gie notifikat lir-rikorrent u dwar dan id-dokument ma jidhirx li

hemm kontestazzjoni stante li dan gie pprezentat mill-intimata bla riserva da parti tar-rikorrenti u ghalhekk it-termini tal-ghoxrin jum imsemmi fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-prezentata tar-rikors beda jiskatta dakinhar tan-notifika.

Issa ghalhekk bhala att jirrizulta li r-rikorrenti gie notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru esekuttiv nhar it-28 ta' Jannar 2012 u ipprezenta dan ir-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 166A (5) nhar l-1 ta' Marzu 2013 u cioe' tnejn u tletin jum wara li gie hekk notifikat.

F'dan ir-rigward il-Qorti tistrih fuq il-principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika taghna li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali <u>huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula</u> *(sottolinear ta din il-Qorti.)* Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalità u nullità tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio … In-nullità tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtigilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarità tkun giet migjuba a konoxxenza taghha – '<u>**Giuseppi Caruana v. Charles sive Charlie Psaila'**</u>, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Marzu 1997.

Ghalkemm f'dik is-sentenza l-principju gie enuncjat fil-kuntest ta' proceduri ghal kollox differenti minn dawk odjerni, is-sustanza ta' l-istess principju bla dubju ta' xejn tapplika ghal kull procedura fejn it-terminu biex tigi dedotta pretensjoni/ilment quddiem il-Qorti/Tribunal kompetenti jinsab stabbilit fil- Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk mill-fatti fuq esposti jirrizulta li r-rikors in ezami ma giex pprezentat entro t-terminu prefiss fil-Ligi u ghalhekk mhux lok li jigi trattat il-mertu proprio ta' l-istess rikors b'mod partikolari jekk effettivament hux minnu li r-

rikors huwa null u bla effett ghaliex ir-rekwisiti mandataorji tal-Artikolu 166A (2) ma gewx rispettati.

Jinghad li il-procedura in kwistjoni hija intiza biex jitnaqqsu n-numru ta’ kawzi quddiem il-Qrati, biex jitnaqqsu l-ispejjez u biex tithaffef il-procedura ghall-hlas ta’ djun, izda dan certament ma ghandux ikun ta’ detriment u pregudizzju ghad-drittijiet ta’ debitur, fosthom id-dritt li jiddefendi ruhu kif jixraq. Huwa ghalhekk illi l-Legislatur rabat in-nullità tal-procedura u konsegwenti titolu ezekuttiv derivanti minnha, man-nuqqas ta’ wiehed mir-rekwiziti rikjesti ad validitatem ta’ l-ittra ufficjali, elenkati fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-eccezzjoni sollevata mill-intimati hija wahda gustifikata u t-talbiet taghhom ghandhom jigu milqugha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi ma tilqax t-talbiet tar-rikorrent sabiex tiddikjara l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-ismijiet “Gary Camilleri er vs Mark Galea” datata 8 ta’ Ottubru 2012, bin-numru 2293/12, bhala nulla u bla effetti fil-Ligi u konsegwentement qieghda tilqa; l-eccezzjoni tal-intimati li r-rikors gie pprezentat fuori termine u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan ir-rikors.**

**Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti odjern.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------